# FIL-QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI TAL-KUMMERĊ)

## IMĦALLEF
## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum it-Tnejn 23, ta' Jannar, 2023**

**Kawża Nru. 9**

**Rik. Nru. 36/2019 ISB**

**L-Awditur John Abela u l-Avukat Dott Andrew Chetcuti Ganado bħala stralċjarji tas-soċjeta Sea Malta Company Limited (C2764)**

**Vs**

**X**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**rikors** ta' l-**istralċjarji l-Awditur John Abela u l-Avukat Dott Andrew Chetcuti Ganado,** intavolat fis-6 ta' Diċembru 2019, li permezz tiegħu huma talbu lill-Qorti sabiex:

*tinvestihom bil-poter provvdut fl-artikolu 238(1)(c) sabiex huma jħallsu lill-kredituri tas-soċjetà SMC u dana taħt kull provvediment jew superviżjoni li jidhrilha xieraq li tordna.*

U

*Jintalab ukoll illi minkejja li ċedoli imsemmija jinsabu depożiti fir-reġistru tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, din il-Qorti xorta waħda tordna li ma jiġi dekretat l-ebda rikors għal żbank, sabiex l-iżbanki isiru skond kif jiddeterminaw l-istralċjarji, kif iktar l'fuq mitlub, u tinnotifika tali ordni lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex jħalli jsir ebda żbank jekk ma jkunx espressament sanċit mir-Rikorrenti jew inn din il-qorti, skond kif jidhrilha xieraq li tordna.*

U dan wara li ppermettew:

*Illi b'riżoluzzjoni tat-2 ta' Jannar 2006 tas-soċjetà Sea Malta Company Limited (SMC) ir-Rikorrenti ġew nominati bħala stralċjarji tal-imsemmija soċjetà.*

*Illi fil-kors tal-istralċ seħħew żewġ subasti li huma is-subasta numru 48/2006 tal-bastiment M.V. Maltese Falcon u s-subasta numru 60/2006 tal-bastiment M.V. Żebbuġ.*

*Illi in segwitu għal dawn is-subasti, saru żewġ ċedoli ta' depożitu li huma iċ-ċedola numru 608/206 fir-rigward tas-subasta numru 48/2006 u ċ-ċedola numru 923/206 fir-rigward tas-subasta numru 60/2006*

*Illi il-fondi hekk depożitati ma jservus biex jitħallsu il-krediti kollha.*

*Illi fir-rigward ta' dawn iż-żewġ ċedoli kien hemm proċeduri separati ta' konkors ta' kredituri, u illum dawn iż-żewġ konkorsi li huma il-konkors numru 1118/2006 fl-ismijiet Malta Shipyards Limited vs Il-Bastiment Żebbuġ jinsab deċiż b'sentenza finali u l-konkors numru 43/2010 u fl-ismijiet Malta Motorways of the Sea vs Emmanuel Azzopardi et jinsab jistenna deċiżjoni finali mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Diċembru 2016.*

*Illi ir-Rikorrenti huma ġustament preokkupati illi jekk isiru rikorsi minn kull kreditur kif ifettillu u mingħajr ma jkun hemm tqassim ordnat tal-fondi in kwistjoni, skond il-provvedimenti tas-sentenzi imsemmija dwar il-konkorsi, ser tinqala' konfużjoni ta' rikorsi u risposti bir-riżultat illi il-proċess tal-ħlas tal-krediti ser jiġi intralċjat fit-tul u b'komplikazzjonijiet inutili. Ibda biex kull rikors ikun irid jiġi notifikat lil numru kbir ta' partijiet interessati, b'terminu għar-risposta.*

*Illi ir-Rikorrenti jirriferixxu għall-artikolu 288(1)(a) tal-Kap 386 li jiddisponi illi f'każ ta' xoljiment volontarju, l-istralċjarju jista', skont dak l-artikolu, jitlob li jeżerċita hu stess, il-poteri normalment mogħtija lill-stralċjarju f'xoljiment ordnat mill-Qorti, meta dan il-poter ikun wieħed minn dawk imsemmija fl-artikolu 238(1)(c), (d) u (e).*

*Illi l-poter imsemmi fil-paragrafu (c) tas-subiċiniż (1) tal-artikolu 238 huwa propju il-poter mogħti lill-istralċjarju sabiex iħallas id-djun tas-soċjetà.*

Rat id-**digriet** tagħha (kif diversament preseduta) tal-10 ta' Diċembru 2019 fejn ir-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tal-5 ta' Marzu 2020 fid-9:00a.m.

Rat ir-risposta ta' **John Busuttil fil-kwalita tiegħu ta' stralċjarju tas-soċjeta Malta Shipyards Limited (C-32345)** intavolata fl-14 ta' Frar 2020 (fol 8) li permezz tagħha eċċepixxa:

1. *L-esponent nomine jopponi ruħu għat-talbiet tal-istralċjarji l-awditur John Abela u l-avukat Dott Andrew Chetcuti Ganado nomine fir-rikors tagħhom tas-16 ta' Diċembru 2019.*

2. *Kif jgħidu tajjeb l-istess stralċjarji, diġa' kien hemm proċeduri separati ta' konkors ta' kredituri fuq iċ-ċedoli ta' depożitu numri 923/2006, rappreżentanti rispettivament ir-rikavat mill-bejgħ bis-subbasta tal-bastiment MV Żebbuġ u tal-bastiment MV Maltese Falzon.*

   *Fil-każ tal-bastiment MV Żebbuġ, il-proċeduri kienu in rem u d-debitur huwa l-bastiment innifsu u mhux is-soċjetà Sea Malta Company Limited. F'kull każ, il-proċeduri tal-Konkors fuq ir-rikavat mill-bejgħ tal-istess bastiment diġa' ngħalqu u hemm deċiżjoni finali ta' din il-Qorti li stabbiliet il-gradwazzjoni tal-krediti li għandhom jitħallsu. Din id-deċiżjoni tikkostitwixxi ġudikat fil-konfront ta' dawk kollha li pparteċipaw f'dawk il-proċeduri, fosthom l-istess rikorrenti John Abela u Dott. Andrew Chetcuti Ganado nomine.*

   *Fil-każ tal-bastiment MV Maltese Falzon, deċiżjoni finali għandha tingħata mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Frar 2020.*

3. *Ir-rikorrenti John Abela u Dott. Andrew Chetcuti Ganado nomine pparteċipaw u għamlu rappreżentazzjonijiet tagħhom fiż-żewġ proċeduri, u kellhom kull opportunita' li jressqu l-fehmiet tagħhom matul l-erbatax-il sena (14) li dawn il-proċeduri ilhom għaddejjin. It-talbiet tar-rikorrenti f'dan l-istadju, aktar milli jgħinu biex il-proċess ta' tqassim skond id-deċiżjonijiet tal-Qorti ma "jiġi[x] intralċjat fit-tul u b'kumplikazzjonijiet inutili", iwassal żgur għal dilungar ulterjuri a skapitu tal-kredituri li diġa' ġew gradwati skond il-liġi minn din il-Qorti diversament presjeduta, apparti spejjeż ġodda li żgur mhux se jgħinu biex ikun hemm aktar fondi għal kredituri li ġew gradwati jew xi kredituri oħra.*

4. *F'kull każ, dak li qed jitolbu l-istraċjarji diġa' sar minn din il-Qorti direttament bil-proċeduri tal-konkors tal-kredituri.*

   *L-**artikolu 238(1)(a)** tal-Kap. 386 jagħti d-dritt lill-istralċjarju li jagħmel jew jiddefendi kull azzjoni jew proċedimenti legali għan-nom tal-kumpanija. Dan diġa' għamluh, u fil-każtal-MV Żebbuġ diġa' hemm*

*ġudikat, waqt li fil-każ ta' l-MV Maltese Falcon, għandu jkun hemm sentenza finali mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Frar 2020.*

*Inoltre, l-**artikolu 238(1)(c)** tal-Kap. 386 ċitat mill-istess stralċjarji jwassal biex l-istralċjarju jingħata s-setgħha "li jħallas lill-kredituri skond il-gradwazzjoni tagħhom bil-liġi." Dan huwa proprju dak li ddeċidiet u għamlet din il-Qorti fil-proċeduri ta' konkors tal-Kredituri. Għalhekk, ma hemm ebda bżonn jew raġuni sabiex f'dan il-Qorti u tal-Qorti tal-Appell (fil-każ tal-MV Maltese Falcon), intromissjoni li tista' twassal biss għal spejjeż u dilungar ulterjuri bla bżonn.*

5. *Fid-dawl tad-deċiżjonijiet fuq imsemmija, ma hemmx lok għat-talba tal-istralċjarji sabiex jiġu awtorizzati jagħmlu "kull kompromess jew ftehim mal-kredituri" tal-kumpanija Sea Malta Limited (**artikolu 238(1)(d)** tal-Kap. 386); jew li jagħmlu "sejħiet lill-kontributorji" u li jagħmlu "kompromess jew ftehim fuq id-djun, obbligi u talbiet tal-kumpannija" Sea Malta Company Limited. (**artikolu 238(1)(d)** tal-Kap. 386).*

6. *Għalhekk ma hemmx lok għal ebda proċeduri ġodda fuq il-gradwazzjoni u t-tqassim tal-flus depożitu biċ-ċedoli 923/2006 u 608/2006 fuq imsemmija.*

Rat ir-risposta tal-**Ministeru tal-Finanzi u x-Xogħol** intavolata fit-18 ta' Frar 2020 (fol 10) li permezz tagħha eċċepixxa:

1. *Illi preliminarjament l-esponenti jirrileva l-inkompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) ossia din is-sezzjoni partikolari tal-Qorti Ċivili stante li ai termini tal-artikolu 773 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċeduri Ċivili (Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta), f'kawżi dwar żbank ta' depożitu hija kompetenti biss il-qorti li taħt l-awtorita' tagħha jkunu ġew iddepożitati l-flus jew ħwejjeġ oħra, li f'dan il-każ hija l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Qorti Ċivili – Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Ġenerali).*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għal fuq esposti, l-iżbanki de quo qed isiru jew ħa jsiru b'eżekuzzjoni ta' sentenza li għaddiet jew ħa tkun għaddiet u ġudikat u strettament fil-parametri deċiżi minn dik jew dawk is-sentenzi, u għalhekk din l-Onorabbli Qorti (Sezzjoni tal-Kummerċ) jew l-istralċjarji m'għandhomx bir-rispett jiddisturbaw id-diskrezzjoni ta' sentenza li ġia għaddiet jew se tgħaddi in ġudikat.*

3. *Salv risposti ulterjuri.*

Rat ir-risposta tal-**Kumissarju tat-Taxxi (Sezzjoni VAT)** intavolata fit-2 ta' Marzu 2020 (fol 12) li permezz tagħha eċċepixxa:

*Illi l-esponenti hu kreditur tas-soċjetà Sea Malta Company Limited (C2764) fl-ammont ta' €495,232.59, oltre interessi, penali u spejjeż ulterjuri li għadhom jiddekorru;*

*Illi kif tajjeb rilevat mill-istralċarji fir-rikors minnhom imressaq, fir-rigward taċ-ċedola ta' depożitu bin-numru 608/2006 hemm pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell il-konkors ta' kredituri fl-ismijiet Malta Motorways of the Sea vs Emmanuel Azzopardi et (695/2006), li issa jinsab differit għas-sentenza għal nhar is-27 t'April 2020;*

*Illi l-esponenti hu parti fl-imsemmija proċeduri pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell, tant li qiegħed jitlob li għandu jippregradwa l-kredituri oħra kollha u għalhekk naturalment għandu interess li jistenna l-eżitu tal-istess proċeduri;*

*Illi jiġi rilevat ukoll li l-istralċarji huma wkoll kredituri tas-soċjetà Sea Malta Company Limited (C2764) u huma parti mill-imsemmija proċeduri pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell fejn huma wkoll qed jippretendu li għandhom jippregradwaw il-kredituri oħra;*

*Illi kif ġie indikat mill-istralċarji, m'hemmx biżżejjed fondi depożitati (fiż-żewġ ċedoli msemmija fir-rikors) sabiex jitħallsu l-krediti kollha;*

*Illi għalhekk, filwaqt li l-istralċarji qed jitolbu li jiġu vestiti bil-poteri mogħtija mill-Artikolu 238(1)(c) tal-Kap. 286, u ċioe' li jħallsu lill-kredituri skont il-gradwazzjoni tagħhom bil-liġi, tali gradwazzjoni għad trid tiġi stabbilita' (fir-rigward taċ-ċedola ta' depożitu bin-numru 608/2006) mill-Qorti tal-Appell, u għalhekk dejjem bid-dovut rispett tali gradwazzjoni tal-kredituri relattivi tispetta biss lill-istess Qorti tal-Appell;*

*Illi għalhekk ukoll, kwalunkwe talba għal żbank li saret u li se ssir fl-atti taċ-ċedola ta' depożitu bin-numru 608/2006 m'għandhiex tiġi determinata mill-istralċarji kif jidhrilhom huma, iżda għandha ssir ai termini tad-deċiżjoni li se tingħata mill-Qorti tal-Appell.*

*Għaldaqstant, f'każ li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tilqa' t-talbiet tal-istralċarji, huma għandhom ikunu marbuta li jonoraw id-deċiżjoni ossia l-gradwazzjoni tal-kredituri li se tiġi stabbilita' mill-Qorti tal-Appell fil-konkors ta' kredituri fl-ismijiet Malta Motorwayd of the Sea vs Emmanuel Azzopardi et (695/2006).*

*Bl-ispejjeż.*

Rat illi fl-udjenza tal-5 ta' Marzu 2020, il-Qorti dehrilha li jkun opportun li qabel tipproċedi oltre` tistenna li tkun deċiża mill-Qorti tal-Appell il-kawża *Malta Motorways of the Sea Limited vs Emanuel Azzopardi et*, bin-numru 695/2006.

Rat illi fl-udjenza tas-27 ta' Lulju 2020, b'referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' Lulju 2020 fl-ismijiet *Malta Motorways of the Sea Limited vs Emanuel Azzopardi et*, bin-numru 695/2006, id-difensuri tal-Kummissarju tat-Taxxi u tal-Awtorita għat-Trasport f'Malta iddikjaraw li qegħdin jirrimettu ruħhom għar-rikors li sar mill-istralċjarju, bl-intendiment li l-istralċjarju joqgħod mad-deċiżjoni tal-Qorti.

Rat ukoll id-dikjarazzjoni tad-difensur tal-Ministeru tal-Finanzi li huwa jinsisti fuq l-eċċezzjoni preliminari eċċepita mill-istess Ministeru fir-risposta tiegħu u laqgħet it-talba magħmulha mill-istess Ministeru tal-Finanzi li qabel ma tqis il-mertu, tippronunzja ruħha dwar l-imsemmija eċċezzjoni u semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet f'dan ir-rigward.

Il-Qorti ħadet konjizzjoni tas-sentenza fl-ismijiet ***Malta Motorways of the Sea Limited vs Emanuel Azzopardi et***, bin-numru 695/2006 deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' Lulju 2020, li tinsab a fol 27 et seq tal-proċess u tas-sentenza fl-ismijiet ***Malta Shipyards Limited vs il-Bastiment ZEBBUG***, bin-numru 1118/06 deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Ottubru 2018 li tinsab a fol 43 et seq tal-proċess.

Rat id-Digriet tagħha (diversament preseduta) tad-29 ta' Settembru 2020 li permezz tiegħu ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Ministru għall-Finanzi u s-Servizzi Finanzjarji u iddikjarat ruħha kompetenti sabiex tittratta u tiddeċiedi dwar il-mertu tat-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti fir-rikors tagħhom tas-6 ta' Diċembru 2019 u ordnat il-prosegwiment tal-kawża.

Rat illi fl-udjenza tat-3 ta' Diċembru 2020, id-difensur tar-rikorrenti ddikjara li mhux ser iressqu provi peress illi l-kwistjonijiet huma diġa marġinati minn sentenzi tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, u dak li qed jiġi dibattut f'dan ir-rikors huwa l-metodu ta' kif dawn is-sentenzi jiġu attwati.

Rat illi fl-udjenza tal-15 ta' Ġunju 2022, id-difensuri tal-istralċjarju tal-Malta Shipyards Ltd u tal-Awtorita` għat-Trasport f'Malta ippreżentaw rikors konġunt (fol 96) li permezz tiegħu talbU l-allegazzjoni tal-atti tas-subbasta bin-numru 60/06 fl-ismijiet *Malta Shipyards Ltd vs il-Bastiment Żebbuġ.* Rat ukoll id-dikjarazzjoni tal-istess difensuri li m'għandhomx aktar provi xi jressqu għall-patroċinati tagħhom għajr l-imsemmi proċess u għas-sentenza fl-ismijiet *Malta Shipyards Limited vs il-Bastiment ZEBBUG,* bin-numru 1118/06 deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Ottubru 2018. Rat ukoll id-dikjarazzjoni tal-istess difensuri li din il-Qorti għandha mal-imsemmija sentenza tieħu wkoll konjizzjoni tal-proċess fl-intier tiegħu partikolarment in vista tal-fatt li s-sentenza tagħmel referenza għal xi dokumenti.

Rat ukoll id-dikjarazzjoni tad-difensur tar-rikorrenti, fl-udjenza tal-15 ta' Ġunju 2022 li permezz tagħha irrileva li kienet u għadha l-intenzjoni tal-istralċjarji rikorrenti li jsegwu preċiżament is-sentenza li ngħatat dwar it-tqassim tal-fondi lill-kredituri u dak li qegħdin jitolbu huwa li jkollhom kontroll tat-tqassim tal-fondi sabiex tiġi evitata sitwazzjoni fejn kreditu jagħmel rikors għall-żbank li jiġi akkordat qabel rikorsi oħrajn bejn kredituri li jista` jkollhom kredituri pożjuri.

Rat ukoll it-talba tad-difensur tal-Ministeru tal-Finanzi u x-Xogħol, fl-udjenza tal-15 ta' Ġunju 2022, fejn talab lill-Qorti sabiex tieħu konjizzjoni tas-sentenza fl-ismijiet ***Malta Motorways of the Sea Limited vs Emanuel Azzopardi et***, bin-numru 695/2006 u jekk tħoss il-ħtieġa tikkonsulta wkoll l-atti tal-kawża relattiva qabel ma tgħaddi għad-deċiżjoni.

Rat ukoll illi fl-udjenza tal-15 ta' Ġunju 2022, il-Qorti laqgħet it-talbiet tal-partijiet u ordnat l-allegazzjoni tal-proċessi li saret referenza għalihom.

Rat illi fl-udjenza tas-17 t'Ottubru 2022, il-Qorti semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet u bi qbil bejn l-istess partijiet il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża, u ħadet konjizzjoni tal-proċessi aktar 'l fuq imsemmiha.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirrizulta illi dan huwa proċediment li ttieħed mir-rikorrenti ai termini tal-Artikoli **288(1)(a) u 238(1)(c) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi r-rikorrenti jikkontendu li b'riżoluzzjoni tas-soċjeta` Sea Malta Company Limited, huma ġew nominati bħala stralċjarji tal-istess soċjeta` fi stralċ voluntarju. Illi l-assi prinċipali tal-imsemmija soċjeta` kienu jikkonsistu f'żewġ bastimenti u ċioe l-M.V. Maltese Falcon u l-M.V. Żebbuġ, liema bastimenti ġew mibjugħin separatament permezz ta' żewġ subbasti.

Fir-rigward ta' **M.V. Maltese Falcon**, dan ġie mibjugħ permezz tas-subbasta numru 48/2006 u l-flus tal-bejgħ ġew iddepożitati l-Qorti permezz ta' ċedola numru 608/2006. In segwitu għal dan sar konkors ta' kredituri fl-ismijiet Malta Motorways of the Sea vs Emmanuel Azzopardi et li ġie deċiż finalment mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Ġunju 2022.

Fir-rigward ta' **M.V. Żebbuġ**, dan ġie mibjugħ permezz tas-subbasta numru 60/2006 u l-flus tal-bejgħ ġew iddepożitati l-Qorti permezz ta' ċedola numru 923/2006. In segwitu għal dan sar konkors ta' kredituri fl-ismijiet Malta Shipyards Limited vs Il-Bastiment Żebbuġ li ġie finalment deċiż mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Ottubru 2018.

Illi r-rikorrenti jikkontendu li jinsabu preokkupati illi jekk isiru rikorsi minn kull kreditur kif ifettillu u mingħajr ma jkun hemm tqassim ordnat tal-fondi in kwistjoni, skont is-sentenzi fuq ċitati, ser tinqala konfużjoni li ssarraf f'tul u kumplikazzjonijiet bla bżonn.

Illi huwa għalhekk li qedgħin jitolbu lil din il-Qorti li permezz tal-artikoli 288(1)(a) u l-artikolu 238(1)(c) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tinvestihom bil-poter sabiex huma jħallsu lill-kredituri tas-soċjeta` Sea Malta Company Limited.

Il-Qorti tosserva wkoll id-dikjarazzjoni tar-rikorrenti fl-udjenza tal-15 ta' Ġunju 2022 fejn huma irrilevaw illi <u>kienet u għadha l-intenzjoni tagħhom li jsegwu preċiżament is-sentenza li ngħatat dwar it-tqassim tal-fondi lill-kredituri</u> u qegħdin biss jitolbu li jkollhom kontroll fuq it-tqassim tal-fondi.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-intimat John Busuttil fil-kwalita` tiegħu ta' stralċjarju tas-soċjeta` Malta Shipyards Limited jopponi għat-talbiet tal-istralċjarji u dana stante li fir-rigward tal-bejgħ taż-żewġ bastimenti msemmija diġa` hemm deċiżjonijiet finali tal-Qorti li stabbilew il-gradwazzjoni tal-krediti li għandhom jitħallsu, liema proċeduri r-rikorrenti kienu preżenti wkoll għalihom.

In vista ta dan, jikkontendu li m'hemmx lok li r-rikorrenti stralċjarji jingħataw is-setgħa li jħallsu lill-kredituri skont il-gradwazzjoni tagħhom skont il-liġi u dan stante li l-Qorti diġa` ddeċċidiet il-gradwazzjoni hi fis-sentenzi ċitati.

**Ikkunsidrat:**

Illi minn naħa tiegħu il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol jikkontendi li l-iżbanki *de quo* għandhom isiru b'eżekuzzjoni ta' sentenza li għaddiet in ġudikat u għalhekk r-rikorrenti stralċjarji m'għandhomx bir-rispett jiddisturbaw id-diskrezzjoni ta' sentenza li ġja għaddiet in ġudikat.

**Ikkunsidrat:**

Illi min-naħa tiegħu il-Kummissarju tat-Taxxi (Sezzjoni VAT) jikkontendi li la darba il-gradwazzjoni tal-kredituri hija deċiża skont sentenza tal-Qorti, jekk kemm -il darba din il-Qorti tilqa` t-talba tar-rikorrenti stralċjarji, huma għandhom ikunu marbuta li jonoraw l-istess deċiżjonijiet tal-Qorti.

Il-Qorti tosserva li permezz ta' dikjarazzjoni fl-udjenza tas-27 ta' Lulju 2020, il-Kummissarju tat-Taxxi (Sezzjoni Vat) irrimetta ruħu għar-rikors li sar mir-rikorrenti stralċjarji bl-intendiment li l-istralċjarju joqgħod mad-deċiżjoni tal-Qorti.

Tifhem ghalhekk il-Qorti, illi ghall-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol u kif ukoll ghall-Kummissarju tat-Tazzi, ma taghmilx differenza min iqassam il-flejjes depozitati, mbasta illi dan isir skond is-sentenzi tal-Qorti hawn fuq msemmija.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi mill-provi prodotti, jirriżultaw is-segwenti **<u>fatti</u>**:

Illi essenzjalment il-provi prodotti kienu marbuta mal-proċeduri li llum għaddew in ġudikat, fl-ismijiet:

1. Malta Shipyards Limited vs Il-Bastiment Żebbuġ (Ref: 1118/06 TA) deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Ottubru 2018 li tikkonsisti f'konkors ta' kredituri fl-atti tac-Ċedola ta' Depożitu numru 923/2006 wara s-Subbasta Numru 60/2006 li kienet tikkonċerna l-bejgħ tal-bastiment M.V. Żebbuġ

2. Malta Motorways of the Seas Limited vs Emanuel Azzopardi et (Ref: 695/06 JPG) deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' Lulju 2020 li tikkonsisti f'konkors ta' Kredituri fl-atti taċ-Ċedola ta' Depożitu numru 608/2006 wara s-Subbasta Numru 48/2006 li kienet tikkonċerna l-bejgħ tal-bastiment M.V. Maltese Falcon

Il-Qorti fliet bir-reqqa is-sentenzi ċitati u ħadet konjizzjoni tal-atti fil-proċessi allegati hekk kif mitlub mill-partijiet u għal fini ta' kompletezza u kjarezza qiegħda hawn tirriproduċi l-konklużżjonijiet tas-sentenzi ċitati.

Fil-konkors tal-Kredituri fl-ismijiet **Malta Shipyards Limited vs Il-Bastiment Żebbuġ** (Ref: 1118/06 TA) deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Ottubru 2018 kien jirrigwarda l-ammont ta' €1,420,917.78 depożitati fiċ-Ċedola ta' Depożitu 93/2006. Il-Qorti fid-deċiżjoni tagħha kkonkludiet is-segwenti gradwazzjoni tal-kredituri:

| Grad | Gradwazzjoni tal-Kreditu | Ammont |
|---|---|---|
| 1 Grad | Is-soċjeta Malta Shipyards Limited fir-rigward tal-ispejjez tal-bastiment, l-ispejjez ghall-qsim tal-prezz u l-ispejjez gudzzjarji kollha tal-partecipanti f'dan il-konkors. | €1,719.75 |
| 2 Grad | il-likwidaturi in surroga tar-Registratur tal-Bastimenti. | €3,011.88 |
| 3 Grad | -Awtoritá Marittima fir-rigward tal-Port Dues sal-4 ta' Ottubru 2005, pilotage dues sal-4 ta' Ottubru 2005 u Mooring services qabel l-4 ta' Ottubru 2005 kif ukoll il-likwidaturi fir-rigwards tal-class inspection and certification costs qabel l-4 ta' Ottubru 2005. | €223,962.77 |
| 4 Grad | il-kreditu tas-socjetá Malta Shipyards Limited sat-22 ta' Jannar 2006 kif kopert mill-plegg possessorju | €787,395.76 |
| 5 Grad | -Awtoritá Marittima ta' Malta fir-rigward tal-port dues, pilotage dues u mooring services wara l-4 ta' Ottubru 2005, il-kreditu tas-socjetá Malta Shipyards fir-rigward ta' spejjez ta' provisti, l-kreditu tal-likwidaturi fir-rigward ta' spejjez ghal preservazzjoni tal-bastiment, class inspection & certification u insurance premiums, il-krediti tal-ekwipagg tal-M.V. Zebbug u l-kreditu tal-likwidaturi rigward hlasijiet lill crew bejn Jannar u Settembru 2006. | €1,521,894.82 + ammont mhux likwidat li jikkonsisti fi spejjeż ġudizzarji imħallsa mill-ekwipaġġ fil-kawżi minnhim istitwiti |
| Grad 6 | il-Bank of Valletta plc fir-rigward tal-krediti muniti b'ipoteki navali | €5,674,353.50 |
| Grad 7 | il-kreditu tas-socjetá Malta Shipyards Ltd fir-rigward ta' shore riggers u berthing charges, il-kreditu tal-Awtoritá Marittima ta' Malta fir-rigward tal-Port Workers dues, u l-kreditu tas-socjetá Focal Maritime Services Co. Ltd fir-rigward tal-invoices varji prezentati minnha. | €522,426.55 |
| | **Total[1]:** | **€8,734,765.03** |

Il-Konkors tal-Kredituri fl-ismijiet **Malta Motorways of the Seas Limited vs Emanuel Azzopardi et** (Ref: 695/06 JPG) deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' Lulju 2020 kien jirrigwarda l-ammont ta' €4,676,403.45 depożitati fiċ-Ċedola ta' Depożitu 608/2006. Il-Qorti fid-deċiżjoni tagħha kkonkludiet is-segwenti gradwazzjoni tal-kredituri:

[1] It-Total huwa wieħed indikattiv ibbażat fuq l-ammonti stipulati fis-sentenza relattiva u jeskludi ammonti li kien għadhom mhux likwidati, spejjeż u imgħax.

| Grad | Gradwazzjoni tal-Kreditu | Ammont |
|---|---|---|
| Grad 1 | spejjez gudizzjarji rigwardanti l-bejgh tal-bastiment u l-qsim tar-rikavat. | Mhux provdut |
| Grad 2 | kreditu tal-istralcjarji ghall-hlas ta' Registration fees talbastiment imhallsa lill-Awtorita` Marittima. | €4,884.70 |
| Grad 3 | Il-kreditu tal-Awtorita` Marittima ghal drittijiet tal-port (port dues). | €88,587.05 |
| Grad 4 | il-kreditu tal-Awtorita` Marittima ghal drittijiet ta' pilutagg (pilotage dues), drittijiet ta' rmigg (mooring services) | €34,950.63 |
| Grad 5 | il-kreditu tal-istralcjarji ghall-pagament ta' crew and watchmen fees. | €47,342.95 |
| Grad 6 | Il-kreditu tal-istralcjarji ghall-hlasijiet inkorsi fir-rigward ta' insurance premia, maintenance and repair costs, vessel shifting costs, class inspection, certification costs u berthing fees. | €161,838.48 |
| Grad 7 | kreditu ta' €2,431,576.99 konsistenti f'avvizi ta' terminazzjoni ta' impieg u redundancy payments skont il-kuntratt ta' mpieg u interessi. Ma' dan zdied l-ammont ta' spejjez, drittijiet u VAT rigwardanti l-kawzi 49/06GV u 112/06JRM li bihom gew kanonizzati lammonti msemmija. | €2,494,370.24 |
| Grad 8 | il-kreditu tal-Bank of Valletta plc konsistenti f'self kawtelat b'zewg ipoteki navali (mortgages) fuq il-bastiment. | €5,674,353.60 |
| Grad 9 | il-kreditu tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), li skont il-Qorti huwa kreditu semplici li mhumiex privileggat. | €495,232. 59 |
| Grad 10 | il-kreditu tal-Awtorita` Marittima ghal port workers' dues | €990,933.40 |
| | **Total[2]:** | **€9,992,493.64** |

Il-Qorti m'għandha l-ebda dubju li l-ammonti depożitati mhumiex biżżejjed sabiex jitħallsu l-krediti kollha dovuti fuq iż-żewġ bastimenti.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

**L-Art. 288(1)(a) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta**

Din id-dispozizzjoni tipprovdi dwar meta l-Qorti tista' tawtorizza lill-istralċjarju jeżerċita s-setgħat mogħtija bl-artikolu 238(1)(ċ),(d) u (e) fi stralċ mill-Qorti:

*__288__.(1) L-istralċjarju jista'*

*(a) fil-każ ta' stralċ volontarju tal-membri, bis-sanzjonita' riżoluzzjoni straordinarja tal-kumpanija, u, fil-każ ta' stralċ volontarju tal-kredituri, bis-*

[2] It-Total huwa wieħed indikattiv ibbażat fuq l-ammonti stipulati fis-sentenza relattiva u jeskludi ammonti li kien għadhom mhux likwidati, spejjeż u imgħax.

> *sanzjoni tal-qorti jew tal-kumitat ta' stralċ jew, jekk ma jkunx hemm dak il-kumitat, tal-laqgħa tal-kredituri, jista jeżerċita kull waħda mis-setgħat mogħtija bl-artikolu 238(1)(ċ), (d),u (e) lil stralċjarju fi stralċ mill-qorti;*

Ma jirriżulta ebda dubju f'moħħ din il-Qorti illi l-istralċ ta' Sea Malta Company Limited (C2764) huwa stalċ voluntarju imniedi mill-kredituri tas-soċjeta` u għalhekk din il-Qorti ser tgħaddi sabiex teżamina jekk għandhiex tissanzjona lir-rikorrenti stralċjarji jeżerċitaw is-setgħa mogħtija bl-artikolu 238(1)(ċ) hekk kif mitlub minnhom fir-rikors promotur.

L-azzjoni tar-rikorrenti hija bbażata fuq l**-Art. 238(1)(c) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta** li jipprovdi s-segwenti:

> ***238***.*(1) Fl-istralċ mill-qorti l-istralċjarju jkollu s-setgħa, bis-sanzjoni jew tal-qorti jew tal-kumitat ta' stralċ maħtur taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu IV ta' dan is-Sub-Titolu*
>
> *(ċ) li jħallas lill-kredituri skont il-gradwazzjoni tagħhom bil-liġi;*

Il-Qorti tosserva li x-xewqa tal-istralċjarji rikorrenti hija sabiex ikunu huma li jiehdu hsieb illi jiġu żbankati il-fondi miċ-ċedoli fuq ċitati u jhallsu u jqassu l-istess fondi skond il-gradwazzjoni diġa` determinata mill-Qorti fis-sentenzi fuq ċitati. Huwa pjenament evidenti, kemm mir-rikors promotur innifsu u kemm mid-dikjarazzjonijiet magħmula mill-istess rikorrenti fil-mori tal-kawża li huma m'għandhom l-ebda intenzjoni li b'xi mod ivarjaw jew jiddisturbaw dak deċiż mill-Qorti nnifisha. Il-Qorti tifhem li t-talba rikorrenti hija waħda bbażata fuq prattiċita` u fuq xewqa ta' effiċjenza meta ser jiġu żbankati ċ-ċedoli msemmija.

Min naħa tagħhom, id-diversi kredituri li rrispondew f'din il-proċedura, bl-ebda mod ma jridu li jiġi varjat il-pjan ta' gradwazzjoni iżda, partikolarment l-istralcarju tal-Malta Shipyards Limited huwa tal-fehma li d-distribuzzjoni tal-fondi għandha ssir mis-sezzjoni tal-Qrati tas-subbasti u mhux taħt il-kontroll tal-istralċjarji.

Il-Qorti tinnota li l-artikolu 274 tal-KAP 386 jgħid testwalment is-segwenti:

> ***284***.*(1) Kif l-affarijiet tal-kumpanija jkunu stralċjati finalment, l-istralċjarju għandu jagħmel rendikont tal-istralċ, fejn juri kif tmexxa l-istralċ u kif il-proprjetà tal-kumpanija tkun disposta, u* ***għandu jagħmel skema ta' distribuzzjoni li turi l-ammont dovut dwar kull azzjoni mill-attiv tal-kumpanija***[3]*, meta applikabbli. Hu għandu ma' dan isejjaħ laqgħa ġenerali tal-kumpanija u laqgħa tal-kredituri sabiex iqiegħed quddiem il-laqgħat ir-rendikont u l-iskema tad-distribuzzjoni, jekk il-każ, ujagħti spjegazzjoni tiegħu.*

L-istralċjarju għandu l-obbligu fi stralċ voluntarju mniedi mill-kredituri li sabiex ikun jista` jikkokludi l-istess stralċ, huwa jagħmel skema ta' distribuzzjoni li finalment tiddetermina kull kreditur kemm għandu jitħallas. Naturalment din hija kruċjali għal kull stralċ partikolarment meta l-istralċ ikun wieħed insolventi bħal ma jidher li hu fil-każ odjern.

[3] Emfazi miżjuda

B'hekk din il-Qorti tifhem il-ħtieġa murija mir-rikorrenti li t-tqassim issir b'mod ġust u korrett u tifhem ukoll it-tħassib tagħhom li jekk kemm -il darba jsir mingħajr gwida tajba, dan jista' jwassal għal inċertezzi u żbalji.

B'danakollu, bl-ebda mod ma din il-Qorti qed tgħid jew b'xi mod timplika li s-sezzjoni tas-Subbasti fil-Qorti m'għandhiex il-kapaċita` li tiddistribwixxi l-ammonti depożitati b'mod korrett.

Il-Qorti trid finalment tirreferi ghall-provvediment taghha f'dawn l-istess proceduri, dak tad-29 ta' Settembru 2020, fejn intqal illi *".. din tal-llum mhijiex kawza ristretta ghal zbank ta' cedoli li dwar jitkellem l-Artikolu 773 tal-KAP 12 invokat mill-Ministeru. Fil-fatt din tal-llum hija kawza ristretta ghal zbank ta' cedoli izda hija kawza dwar twettiq ta' obbligi tar-rikorrenti bhala stralcarji*". Il-Qorti ghaddiet biex qalet illi "*ghandhomx ir-rikorrenti ragun fil-mertu hija kwistjoni li ghad trid tkun trattata wara d-decizjoni tal-llum*".

Dak li qed taghmel il-Qorti llum – qed issib illi r-rikorrenti ghandhom ragun u jimmerita illi l-izbank tac-cedoli *de quo* isir mir-rikorrenti fil-kors tax-xoghol u d-doveri taghhom ta' stralcarji ta' Sea Malta Company Limited. Il-Qorti thoss illi biex l-istralcarji rikorrenti jezegwixxu l-inkarigu taghhom fl-intier tieghu, ikun opportun illi jkunu l-istralcarji illi jiehdu hsieb l-izbanek tac-cedoli msemmija.

**GHALDAQSTANT**, il-Qorti, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ccitati, jidhrilha illi ġew sodisfatti il-voti tal-liġi sabiex tkun tista` tgħaddi biex takkolja it-talbiet tar-rikorrenti u tenut kont ta` l-assjem ta` fatti u cirkostanzi li jirrizultaha l-Qorti, din il-Qorti qeghda:

1. **Tilqa' l-ewwel talba** u ai termini tal-Artikolu 238(1)(c) tghaddi biex tawtorizza lill-istralcarji rikorrenti sabiex jizbankaw ic-cedoli msemmija u jghaddu biex iħallsu lill-kredituri skont il-gradwazzjoni tagħhom kif deciz bis-sentenzi tal-Prim Awla tal-Qorti Civili kif hawn fuq msemmi.

2. **Tilqa' t-tieni talba** fis-sens illi tordna l-komunika ta' din is-sentenza lir-Reġistratur tal-Qrati li m'għandu jippermetti li jsir ebda żbank taċ-ċedoli fuq ċitati jekk mhux mir-rikorrenti stralcarji.

L-ispejjeż u drittijiet kollha naxxenti minn dan il-proċediment, għandhom jithallsu mir-rikorrenti.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**